MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2663/1999/1

**Jesmond Montebello**

**Vs**

**Amy Magri, mart Jesmond Montebello minnu legalment separata;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; u**
**B'digriet tal-Qorti ta' l-20 ta' Gunju, 2000 giet nominata Amy Magri bhala kuratrici *ad litem* biex tirrapprezenta lil minuri Jacques sallum maghruf bil-kunjom Montebello.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur iltaqa’ mal-konvenuta Amy Magri f’Dicembru tas-sena 1993;

Premess illi l-konvenuta harget tqila matul l-gherusija taghhom u insistit li t-tarbija kienet ta’ l-attur u ghalhekk izzewgu fl-10 ta’ Lulju 1997 (Dok. A);

Premess illi fl-1 ta’ Novembru 1997, il-konvenut weldet tifel li ssemma Jacques u t-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku bl-Att tat-Twelid numru 4320/97 (Dok. B) fejn l-attur gie indikat bhala l-missier tat-tarbija;

Premess illi f’Jannar 1999, il-konvenuta stqarret ma’ l-attur li hija kellha relazzjoni extra-maritali ma’ terza persuna, liema relazzjoni wasslet lill-partijiet sabiex jisseparaw legalment minn xulxin permezz ta’ kuntratt tat-23 ta’ Novembru 1999 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo (Dok. C);

Premess illi fil-kors ta’ din is-separazzjoni, l-attur inghata x’jifhem mill-konvenuta li anke matul l-gherusija hija kellha relazzjoni sesswali ma’ terza persuna u ghalhekk il-minuri Jacques seta’ ma kienx iben l-attur;

Premess illi minhabba dan is-suspett, l-attur ad insaputa tal-konvenuta, ghamel it-testijiet necessarji li eskludew kull possibilita` li l-attur seta’ kien il-missier naturali ta’ l-istess Jacques (DNA Paternity Testing Report Dok. D);

Premess illi qabel il-kors tal-proceduri tas-separazzjoni tieghu minn ma’ martu, l-attur ma kellu ebda indikazzjoni jew suspett li martu, il-konvenuta, setghet f’xi zmien kellha relazzjoni qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg u ghalhekk l-attur ma seta’ kellu ebda indikazzjoni jew suspett li l-istess minuri Jacques seta’ ma kienx l-iben naturali tieghu;

Premess illi l-attur ghandu kull interess jichad li jaghraf lill-imsemmija tarbija li mhux ibnu;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur ghandu dritt jirrikusa li jirrikonoxxi bhala ibnu lill-imsemmi Jacques li twieled lill-konvenuta Amy Magri fl-1 ta’ Novembru 1997 (Dok. B);

2. Tiddikjara li l-minuri Jacques mhux iben l-attur peress li twieled minn relazzjoni li l-konvenuta Amy Magri, ommu, kellha ma’ terza persuna kif anke jirrizulta mit-testijiet li saru (DNA Paternity Testing Reparto Dok. B);

3. Tordna per konsegwenza, lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-Att ta’ Twelid ta’ Jacques numru 4320/97 (Dok. B) fis-sens li tigi minnu mnehhija kull riferenza ghall-attur bil-partikolaritajiet tieghu kull fejn jirrikorru u tordna kull korrezzjoni li jidhrilha opportuna fic-cirkostanzi sabiex it-tarbija Jacques tigi dikjarata bhala bin missier mhux maghruf jew iben persuna ohra (barra l-attur) li tista’ talvolta tirrizulta bhala l-missier naturali tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Amy Magri illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi hija tirrimetti ruhha ghall-provi li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi kontra dak li gie premess mill-attur, l-eccipjenti ma zvijatx jew ingannat lill-istess attur u ghaldaqstant ma ghandiex issofri l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta Amy Magri u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu ta’ l-azzjoni ta’ denegata` paternita` esercitata fil-kawza odjerna l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttura tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni intavolata mill-attur hi wahda ta' diskonoxximent tat-tifel minuri Jacques li twieled fl-1 ta' Novembru 1997 (Certifikat esebit a fol. 8). Tali azzjoni hi diretta fil-konfront ta' l-element prezuntiv (paternita` tar-ragel ta' l-omm, ex Artikolu 67 tal-Kodici Civili) tal-fattispecje kawzativa tal-legittimita, u hi ammessa fl-ipotesijiet elenkati fl-Artikolu 70 tal-Kodici Civili;

Il-finalita` ta' l-azzjoni hi l-holqien ta' qaghda guridika gdida bl-iskop li din tissostitwixxi l-qaghda guridika pre-ezistenti. Hi ghalhekk azzjoni tendenti ghall-eliminazzjoni retroattiva ta' l-istat ta' iben legittimu;

Tajjeb li jigi precizat illi l-presupposti ta' din l-azzjoni, maghrufa wkoll bhala azzjoni ta' "denegata paternita`", huma s'intendi (i) it-twelid tat-tarbija u (ii) l-ezistenza tat-

titolu ta' stat ta' iben legittimu. Jigifieri, fi kliem iehor, l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att;

Issa fil-kaz *de quo* jirrizultaw dawn il-fatti:-

I. L-attur u l-konvenuta zzewgu civilment fl-10 ta' Lulju 1997 (certifikat esebit a fol. 7); cirka sena wara iccelebraw zwieg bir-rit religjuz;

II. Il-minuri twieled fl-1 ta' Novembru 1997;

III. L-attur isostni li l-konvenuta qatt ma kienet ikkonfidat mieghu illi matul l-gherusija hi kellha relazzjoni ma' ragel iehor. Dan hu ammess u accettat mill-istess konvenuta (deposizzjoni taghha, fol. 63);

IV. Hu sar jaf li t-tifel seta' ma kienx ibnu meta f'okkazzjoni minnhom fil-kors taz-zwieg martu irrinfaccjatu bil-fatt li hu ma kienx missieru. Dan kien meta darba ittardja li jirritorna d-dar bit-tifel, (xhieda ta' l-attur, fol. 56). Il-konvenuta tikkonfessa dan il-fatt ukoll pero` ziedet tghid li l-kliem kienet qalitulu "bla fini ta' xejn";

V. Il-koppja isseparat fit-23 ta' Novembru 1999 skond it-termini tal-kuntratt esebit a fol. 9 tal-process;

VI. L-attur iddecieda li jaghmel id-DNA Paternity Test li r-rizultat tieghu kien l-eskluzjoni tieghu bhala missier il-minuri (Dokumenti esebiti a fol. 19);

Jirrizulta minn dawn il-fatti illi l-minuri fil-kaz *de quo* gie koncepit qabel iz-zwieg, u ghalhekk strettament mhux fit-termini tal-kliem introduttiv ta' l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili li jirreferi *expressis* ghal diskonoxximent tat-tifel "<u>imnissel matul iz-zwieg</u>". Dan allura ghandu jfisser illi fil-faz in ispecje l-attur ma jistax jipproponi din l-azzjoni gjaladarba l-koncepiment avvera ruhu qabel iz-zwieg?

Fl-umili fehma ta' din il-Qorti in-negazzjoni ta' tali azzjoni f'sitwazzjoni konsimili ma taghmilx sens jew gustizzja guridika. L-attur ghandu xorta wahda jkun ammess li jipprova li l-koncepiment avvenut qabel iz-zwieg ma

huwiex ir-rizultat ta' l-unjoni tieghu ma' omm it-tifel li aktar tard saret martu bi zwieg. F'dan il-kaz l-azzjoni hi konsentita jekk hu jirnexxielu jiddimostra xi wahda mill-ipotesijiet a norma ta' l-Artikolu 70 b'mod li l-kliem "ragel", "martu", "adulterju" jinghataw tifsira estensiva daqs li kieku fil-mument tat-tnissil iz-zwieg kien diga` sehh;

Minn dak ricerkat fil-kazistika Taljana, insibu li "*l'azione di disconoscimento della paternita` resta identica qual' che siano i fatti che, entro l-ambitu di quelli tipizzati dall'articolo in commento* (Artikolu 235 tal-Kodici Civili Taljan simili ghall-Artikolu 70(1) taghna, hlief ghas-subinciz (b) tieghu), *vengono in concreto addotti a sostegno della pretesa; da cio` consegue che il mutamento dei predetti fatti, non integranti distinte 'causae petendi', e` consentito nel corso del giudizio, purche` nel rispetto del principio del contradditorio e dei limiti di deducibilita` di nuove prove nelle varie fasi e gradi del giudizio medesimo, in quanto non comporta la proposizione di una domanda nuova" (Cassazione 85/5687 - "Commentario breve al Codice Civile" Edizione 2002,* ***Cian e Trabucchi****);*

Stabbiliti l-fatti, fl-ambitu ta' dak appena premess, ma ghandux ikun difficli l-kompitu ghar-rizoluzzjoni tal-materja. Il-fatti maghrufa jiccentraw certament fl-ipotesi dettata mis-subinciz (d) ghall-Artikolu 70(1) tal-Kodici Civili, ghal dik li hi l-prova rikjesta tal-fatt illi l-konvenuta kellha, kif hekk rikonoxxut *ex admissis*, relazzjoni ma' ragel iehor;

Naturalment dan il-fatt per se` ma huwiex sufficcjenti ghall-akkoljiment tat-talba jew tal-prova tan-non-paternita`. Dan in kwantu ma huwiex eskluz li l-attur stess kellu unjoni sesswali mal-konvenuta fl-istess perjodu tal-koncepiment. Difatti l-konvenuta dan tistqarru wkoll (fol. 63) u l-attur ma ghamel l-ebda zmentita dwar dawn ir-rapporti. Huwa ghalhekk impellanti d-dimostrazzjoni ta' fatti ohra u ta' provi inkonciljabbli mal-paternita`. *Ad exemplum*, il-prova genetika. Prova din, li saret ukoll f'dan il-kaz, kif evidenzjat mir-rapport tad-DNA a fol. 19 u li tieghu l-konvenuta taccetta l-awtenticita` (Verbal a fol. 51).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel u t-Tieni Domandi fis-sens li tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija imwielda mill-konvenuta Amy Magri fl-1 ta' Novembru 1997 mir-relazzjoni taghha ma' missier mhux maghruf u dan kif dimostrat mid-DNA Paternity Test;

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tal-minuri tifel Jacques, Numru 4320/97 billi thassar minnu kull referenza ghall-attur kompriz il-partikolaritajiet tieghu u l-imsemmi minuri jigi dikjarat bhala iben "missier mhux maghruf".

Bi qbil bejn il-partijiet skond il-verbal tas-17 ta’ Jannar 2002, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------